Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Novembru 2025**
**(OR. en)**

**14962/25**

**ACP 112**
**WTO 106**
**COASI 135**
**RELEX 1406**
**UD 256**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 9451/1/20 ADD 1 |
| Suġġett: | Abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta’ Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, li temenda ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta’ “prodotti oriġinarji” u l-metodi ta’ kooperazzjoni amministrattiva<br>- Approvazzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Irlandiża |

1. Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa, u l-Istati tal-Paċifiku min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ST 10898/20) f'24 lingwa. L-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, li temenda ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva jinsab f'ST 10900/20 fi 23 lingwa.

2. Fit-30 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 (ST 12034/25 + ADD 1).

3. Il-verżjoni bil-lingwa Irlandiża tal-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ imsemmi fil-paragrafu 1, li ma ġietx prodotta fl-2020, issa hija disponibbli.

4. Konsegwentement, il-Coreper mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, it-traduzzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Irlandiża tal-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ kif jinsab fid-dokument ST 10899/20.